Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

12905/19

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2019/0211(NLE)**

PECHE 438

**NOTA TA' TRASMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 8 ta' Ottubru 2019 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2019) 453 final |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2020 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta’ stokkijiet tal-ħut fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 453 final.

Mehmuż: COM(2019) 453 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.10.2019
COM(2019) 453 final

2019/0211 (NLE)

[…]

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL

## li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2020 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta’ stokkijiet tal-ħut fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed

## MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd[1] (“ir-Regolament Bażiku dwar il-PKS”) ifittex li jiżgura li r-riżorsi akkwatiċi ħajjin jintużaw b’kundizzjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali sostenibbli. Għodda importanti f’dan ir-rigward hija l-istabbiliment annwali tal-opportunitajiet tas-sajd. Ir-Regolamenti kollha dwar l-opportunitajiet tas-sajd iridu jillimitaw il-qbid tal-istokkijiet tal-ħut għal livelli li jkunu konsistenti mal-objettivi ġenerali tal-Politika Komuni tas-Sajd (il-PKS).

Din il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet u għal ċerti gruppi ta’ stokkijiet fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed.

Wara li ġie adottat u li daħal fis-seħħ il-pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran[2], din il-proposta tistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-Istati Membri kkonċernati f’dak ir-reġjun (jiġifieri Spanja, Franza u l-Italja), mogħtija f’termini tal-isforz tas-sajd massimu permissibbli.

Din il-proposta tistabbilixxi wkoll l-opportunitajiet tas-sajd li joħorġu mill-ftehimiet li ntlaħqu fil-qafas tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (il-GFCM), li hija organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd responsabbli għall-konservazzjoni u għall-ġestjoni tar-riżorsi ħajjin tal-baħar fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed. L-Unjoni Ewropea hija membru tal-GFCM flimkien mal-Bulgarija, mal-Kroazja, ma’ Ċipru, ma’ Franza, mal-Greċja, mal-Italja, ma’ Malta, mar-Rumanija, mas-Slovenja u ma’ Spanja. Il-miżuri adottati fil-qafas tal-GFCM jorbtu lill-membri tagħha.

Fl-aħħar nett, f’dak li għandu x’jaqsam mal-Baħar l-Iswed, din il-proposta tistabbilixxi kwota awtonoma għal-laċċ ikħal sabiex jinżamm il-livell attwali ta’ mortalità mis-sajd. Fil-każ tal-barbun imperjali, il-proposta tittrasponi l-qabda totali permissibbli (it-TAC) u l-kwoti stabbiliti mill-GFCM.

L-objettiv aħħari huwa li l-istokkijiet jinġiebu f’livelli li jkunu jistgħu jwasslu għar-rendiment massimu sostenibbli (l-MSY) u li dawn jinżammu f’dawk il-livelli. Dan l-objettiv ġie inkorporat b’mod espliċitu fir-Regolament Bażiku dwar il-PKS, li fih fl-Artikolu 2(2) jingħad li dan “għand[u], fejn possibbli, [j]intlaħaq sal-2015 u [...] sa mhux aktar tard mill-2020 għall-istokkijiet kollha”. Dan jirrifletti l-impenn li ħadet l-Unjoni b’rabta mal-konklużjonijiet tas-Summit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli li sar fl-2002 f’Johannesburg u mal-Pjan ta’ Implimentazzjoni marbut miegħu. Min-naħa l-oħra, minħabba li ma tantx fadal żmien għall-iskadenza tal-2020 u minħabba li dan ikun ifisser tnaqqis sinifikanti ħafna fl-isforz tas-sajd, id-dispożizzjonijiet tal-pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran huma maħsubin biex jiksbu mortalità mis-sajd fil-livell tar-rendiment massimu

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

[2] Ir-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 508/2014 (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 1).

sostenibbli (l-MSY) fuq bażi progressiva u inkrementali sal-2020 fejn possibbli, u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2025.

Għalkemm din hija l-ewwel darba li qed jiġi propost Regolament awtonomu dwar l-opportunitajiet tas-sajd kemm għall-Mediterran u kemm għall-Baħar l-Iswed, l-eżerċizzju tal-opportunitajiet tas-sajd jirrappreżenta ċiklu annwali ta' ġestjoni. Fil-fatt, fis-snin li għaddew ġew adottati opportunitajiet tas-sajd għall-Baħar l-Iswed[3] u għaż-żona tal-Ftehim tal-GFCM[4]. Għall-2020, iridu jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd ukoll għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran wara li ġie adottat u li daħal fis-seħħ il-pjan pluriennali.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-miżuri proposti huma mfasslin skont l-objettivi u r-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-miżuri proposti huma konsistenti mal-politika tal-Unjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika ta' din il-proposta hija l-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta tidħol fl-ambitu tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(d) tat-TFUE. Għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin: il-PKS hija politika komuni. Skont l-Artikolu 43(3) tat-TFUE, hija r-responsabbiltà tal-Kunsill li jadotta l-miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

Ir-Regolament propost tal-Kunsill jalloka l-opportunitajiet tas-sajd lill-Istati Membri. Filwaqt li jqisu l-Artikoli 16 u 17 tar-Regolament Bażiku dwar il-PKS, l-Istati Membri huma ħielsa jallokaw dawn l-opportunitajiet fost il-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom skont kif jidhrilhom li jkun xieraq. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom ħafna fejn jimmanuvraw meta jieħdu d-deċiżjonijiet marbutin mal-mudelli soċjali u ekonomiċi tal-għażla tagħhom biex jisfruttaw l-opportunitajiet tas-sajd allokati lilhom.

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja ġdida għall-Istati Membri.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost huwa Regolament tal-Kunsill.

---

[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/2058 tas-17 ta' Diċembru 2018 li jiffissa għall-2019 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut fil-Baħar l-Iswed (ĠU L 329, 27.12.2018, p. 8).

[4] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/124 tat-30 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi għall-2019 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 29, 31.1.2019, p. 1).

Din hija proposta għall-ġestjoni tas-sajd abbażi tal-Artikolu 43(3) tat-TFUE u skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Ma japplikawx.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-partijiet interessati ġew ikkonsultati permezz tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni attwali tal-Politika Komuni tas-Sajd u dwar konsultazzjoni b'rabta mal-opportunitajiet tas-sajd għall-2020[5].

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-valutazzjoni tal-istat tal-istokkijiet fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed tissejjes fuq l-iktar ħidma riċenti tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (is-STECF), tal-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv tal-GFCM dwar is-Sajd u tal-Grupp ta' Ħidma tal-GFCM dwar il-Baħar l-Iswed.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-Artikolu 43(3) tat-TFUE jillimita l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-opportunitajiet tas-sajd.

Il-proposti tal-Kummissjoni għar-Regolament Bażiku dwar il-PKS u għall-pjan pluriennali għas-sajd għall-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran ġew żviluppati, kif xieraq, abbażi ta' valutazzjonijiet tal-impatt[6]. Wieħed mill-istrumenti ewlenin tar-Regolament Bażiku dwar il-PKS biex jinkisbu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament huwa l-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd. Il-pjan pluriennali daħħal reġim tal-isforz tas-sajd biex jindirizza l-problema tas-sajd żejjed li hemm fis-sajd għall-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti mill-GFCM kemm għall-Mediterran u kemm għall-Baħar l-Iswed, essenzjalment din il-proposta timplimenta miżuri miftehma fuq livell internazzjonali. Kull element li jista' jkun rilevanti għall-valutazzjoni tal-impatti li l-opportunitajiet tas-sajd jista' jkollhom jiġi ttrattat meta jkunu qed jitħejjew in-negozjati internazzjonali li matulhom ikun se jintlaħaq qbil mal-pajjiżi terzi dwar l-opportunitajiet tas-sajd tal-Unjoni u meta jkunu qed isiru dawn in-negozjati.

Il-proposta ma tirriflettix biss tħassib għall-futur qarib, iżda wkoll approċċ iktar fit-tul li, permezz tiegħu, il-livell tas-sajd jiġi adattat bil-mod il-mod għal livelli li jkunu sostenibbli fit-tul.

---

[5] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni attwali tal-Politika Komuni tas-Sajd u dwar konsultazzjoni b'rabta mal-opportunitajiet tas-sajd għall-2020 (COM(2019) 274 final).

[6] Id-dokument SEC(2011) 891 final tat-13 ta' Lulju 2011 u d-dokumenti SWD(2018) 59 final u SWD(2018) 60 final tat-8 ta' Marzu 2018 rispettivament.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Ma japplikawx.

- **Drittijiet fundamentali**

Ma japplikawx.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Din il-proposta se tiġi implimentata skont ir-regoli eżistenti tal-Politika Komuni tas-Sajd. Il-monitoraġġ u l-konformità se jiġu żgurati skont ir-regoli tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta tistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-Istati Membri għall-2020 għal ċerti stokkijiet jew ċerti gruppi ta' stokkijiet fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed. L-opportunitajiet tas-sajd jinkludu, b'mod partikulari, l-affarijiet li ġej:

1. reġim tal-isforz tas-sajd għall-bastimenti tat-tkarkir li jkunu qed jistadu għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran. Il-pjan pluriennali l-ġdid għas-sajd għall-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran daħal fis-seħħ fis-16 ta' Lulju 2019. Skont id-dispożizzjonijiet ta' dak il-pjan, kull sena l-Kunsill għandu jistabbilixxi l-isforz tas-sajd massimu permissibbli għal kull grupp ta' sforz tas-sajd għal kull Stat Membru u għall-gruppi tal-istokkijiet iddefiniti fl-Anness I tal-pjan. Għall-ewwel sena ta' implimentazzjoni tal-pjan, l-isforz tas-sajd massimu permissibbli jrid jitnaqqas b'10 % meta mqabbel mal-valur ta' referenza (mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2017), ikkalkulat minn kull Stat Membru għal kull grupp ta' sforz tas-sajd jew għal kull subżona ġeografika;
2. miżuri li adottat il-GFCM u li japplikaw fil-Mediterran. Dawn il-miżuri jinkludu perjodu ta' għeluq tas-sajd għas-sallur fil-Mediterran kollu (fis-subżoni ġeografiċi 1 sa 27) u limiti tal-qbid u limiti tal-isforz tas-sajd għall-istokkijiet pelaġiċi ż-żgħar fil-Baħar Adrijatiku (fis-subżoni ġeografiċi 17 u 18). Dawn il-miżuri ġew adottati waqt il-laqgħa annwali tal-GFCM tal-2018. Barra minn hekk, il-proposta tinkludi limiti tal-isforz tas-sajd għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Baħar Adrijatiku (fis-subżoni ġeografiċi 17 u 18), li għandhom jiġu adottati waqt il-laqgħa annwali tal-GFCM tal-2019 li se ssir bejn l-4 u t-8 ta' Novembru 2019. Dawn il-miżuri huma mmarkati bl-ittri "*pm*" (li jfissru "*pro memoria*") f'din il-proposta, minħabba li għadhom pendenti għax il-laqgħa annwali tal-GFCM għadha ma saritx. Dawn se jiġu aġġornati ladarba l-GFCM tadottahom;
3. opportunitajiet tas-sajd għall-Baħar l-Iswed. Dawn jinkludu: (a) kwota awtonoma għal-laċċ ikħal abbażi tal-parir xjentifiku, skont liema jeħtieġ jinżamm il-livell attwali ta' mortalità mis-sajd biex tkun żgurata s-sostenibbiltà tal-istokk; (b) il-qabda totali permissibbli (it-TAC) u l-allokazzjoni tal-kwoti għall-barbun imperjali fil-qafas ta' pjan ġdid ta' ġestjoni pluriennali għas-sajd għall-barbun imperjali li għandu jiġi

adottat waqt il-laqgħa annwali tal-GFCM tal-2019. It-TAC u l-kwoti għall-barbun imperjali huma mmarkati bl-ittri "*pm*" fil-proposta sakemm jiġu adottati mill-GFCM.

2019/0211 (NLE)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2020 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu 43(3) tat-TFUE jistipula li l-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, irid jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7] jeżiġi li jiġu adottati miżuri ta' konservazzjoni filwaqt li jitqies il-parir xjentifiku, tekniku u ekonomiku disponibbli, inkluż, fejn rilevanti, ir-rapporti mfasslin mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "is-STECF").

(3) Hija r-responsabbiltà tal-Kunsill li jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, fosthom ċerti kundizzjonijiet li huma marbutin magħhom mil-lat funzjonali, kif xieraq. L-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jistipula li l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu stabbiliti b'mod konsistenti mal-objettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-PKS") stabbiliti fl-Artikolu 2(2) ta' dak ir-Regolament. L-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jistipula li l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu allokati lill-Istati Membri b'tali mod li jiżguraw stabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd ta' kull Stat Membru għal kull stokk ta' ħut jew għal kull tip ta' sajd.

(4) L-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jistipula li, għall-istokkijiet li għalihom hemm pjanijiet pluriennali speċifiċi, l-opportunitajiet tas-sajd jiġu stabbiliti skont ir-regoli stipulati f'dawk il-pjanijiet.

(5) Il-pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran ġie stabbilit bir-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8] u daħal fis-seħħ fis-16 ta' Lulju 2019. Skont l-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament, l-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet imniżżlin fl-Artikolu 1 tiegħu għandhom jiġu ffissati b'mod li jiksbu mortalità mis-sajd fil-livell tar-rendiment

---

[7] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

[8] Ir-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 508/2014 (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 1).

massimu sostenibbli (l-MSY) fuq bażi progressiva u inkrementali sal-2020 fejn possibbli, u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2025. Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd jingħataw f'termini tal-isforz tas-sajd massimu permissibbli u li dawn jiġu ffissati skont ir-reġim tal-isforz tas-sajd stabbilit fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2019/1022. Għalhekk, għall-2020, jenħtieġ li l-isforz tas-sajd massimu permissibbli jitnaqqas b'10 % meta mqabbel mal-valur ta' referenza stabbilit skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament.

(6) Fit-42 laqgħa annwali tagħha li saret fl-2018, il-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-GFCM") adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/1 li tistabbilixxi miżuri ta' ġestjoni għas-sallur (*Anguilla anguilla L.*) fil-Mediterran (fis-subżoni ġeografiċi 1 sa 27 tal-GFCM). Dawn il-miżuri jinkludu perjodu annwali ta' għeluq tas-sajd ta' tliet xhur konsekuttivi li kull Stat Membru jrid jiddefinixxi skont l-objettivi ta' konservazzjoni mogħtija fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007[9], skont il-pjan jew il-pjanijiet nazzjonali ta' ġestjoni tiegħu għas-sallur u skont ix-xejriet temporali tal-migrazzjoni tas-sallur f'dak l-Istat Membru. F'konformità mar-Rakkomandazzjoni, l-għeluq tas-sajd għandu japplika għall-ilma baħar kollu tal-Mediterran u għall-ilmijiet salmastri bħall-estwarji, il-laguni kostali u l-ilmijiet tranżizzjonali. Jenħtieġ li din il-miżura tiġi implimentata fil-liġi tal-Unjoni.

(7) Fit-42 laqgħa annwali tagħha li saret fl-2018, il-GFCM adottat ukoll ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/8 li stabbiliet limiti tal-qbid u limiti tal-isforz tas-sajd għall-2019, għall-2020 u għall-2021 għall-istokkijiet pelaġiċi ż-żgħar fis-subżoni ġeografiċi 17 u 18 tal-GFCM (fil-Baħar Adrijatiku). Jenħtieġ li dawn il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni. Il-limiti massimi tal-qbid huma ffissati biss għal sena u huma mingħajr preġudizzju għal kull miżura oħra li tista' tiġi adottata fil-ġejjieni u għal kull skema ta' allokazzjoni li jista' jkun hemm bejn l-Istati Membri.

(8) Fit-43 laqgħa annwali tagħha li saret fl-2019, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/xx li tistabbilixxi miżuri ta' ġestjoni għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fis-subżoni ġeografiċi 17 u 18 tal-GFCM (fil-Baħar Adrijatiku), li daħħlet reġim tal-isforz tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ. Jenħtieġ li dawn il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

[*Il-premessa, l-Artikoli rilevanti u l-Annessi se jiġu aġġornati wara l-laqgħa annwali*]

(9) Filwaqt li jitqiesu l-partikularitajiet tal-flotta Slovena u l-impatt marġinali tagħhom fuq l-istokkijiet tal-ispeċijiet pelaġiċi ż-żgħar u fuq l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ, huwa xieraq li jiġu ppreżervati x-xejriet tas-sajd eżistenti u li jiġi żgurat l-aċċess tal-flotta Slovena għal kwantità minima ta' speċijiet pelaġiċi żgħar u għal kwota minima tal-isforz tas-sajd għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ.

(10) Fit-43 laqgħa annwali tagħha li saret fl-2019, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/xx li temenda r-Rakkomandazzjoni GFCM/41/2017/4 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għas-sajd għall-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed (fis-subżona ġeografika 29 tal-GFCM). Din ir-rakkomandazzjoni tintroduċi qabda totali permissibbli (TAC) reġjonali aġġornata u skema ta' allokazzjoni tal-kwoti għall-barbun imperjali, kif ukoll miżuri ta' konservazzjoni oħrajn għal dan l-istokk, b'mod partikulari perjodu ta' għeluq tas-sajd ta' xahrejn u restrizzjoni fuq il-jiem tas-sajd ta' 180 jum fis-sena. Jenħtieġ li dawn il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

[*Il-premessa, l-Artikoli rilevanti u l-Annessi se jiġu aġġornati wara l-laqgħa annwali*]

---

9 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007 tat-18 ta' Settembru 2007 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokk tas-sallura Ewropea (ĠU L 248, 22.9.2007, p. 17).

(11) Skont il-parir xjentifiku tal-GFCM, jeħtieġ jinżamm il-livell attwali ta' mortalità mis-sajd biex tkun żgurata s-sostenibbiltà tal-istokk tal-laċċ ikħal fil-Baħar l-Iswed. Għalhekk huwa xieraq li tkompli tiġi ffissata kwota awtonoma għal dan l-istokk.

(12) Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd jiġu stabbiliti abbażi tal-parir xjentifiku disponibbli, filwaqt li jitqiesu l-aspetti bijoloġiċi u soċjoekonomiċi, u filwaqt li jiġi żgurat trattament ġust bejn is-setturi tas-sajd, kif ukoll fid-dawl tal-opinjonijiet li jkunu ngħadu waqt il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.

(13) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96[10] daħħal kundizzjonijiet addizzjonali għall-ġestjoni tat-TACs minn sena għall-oħra li jinkludu dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà għat-TACs prekawzjonarji u analitiċi skont l-Artikolu 3 u 4 tiegħu. Skont l-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament, meta jiġu stabbiliti t-TACs, il-Kunsill irid jiddeċiedi liema huma l-istokkijiet li għalihom ma għandhomx japplikaw l-Artikoli 3 u 4 ta' dak ir-Regolament, b'mod partikulari abbażi tal-istat bijoloġiku tal-istokkijiet. Iktar reċentement, l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 daħħal il-mekkaniżmu tal-flessibbiltà minn sena għall-oħra għall-istokkijiet kollha li għalihom japplika l-obbligu ta' ħatt l-art. Għalhekk, sabiex tiġi evitata flessibbiltà eċċessiva li ddgħajjef il-prinċipju ta' sfruttament razzjonali u responsabbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, li xxekkel il-kisba tal-objettivi tal-PKS u li twassal biex tmur għall-agħar il-qagħda bijoloġika tal-istokkijiet, jenħtieġ li jiġi stabbilit li l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplikaw għat-TACs analitiċi biss meta ma tintużax il-flessibbiltà minn sena għall-oħra prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

(14) Għall-użu tal-opportunitajiet tas-sajd li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom li huma stipulati f'dan ir-Regolament japplika r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009[11], u b'mod partikulari l-Artikoli 33 u 34 tiegħu, li jittrattaw ir-reġistrazzjoni tal-qabdiet u tal-isforz tas-sajd u n-notifika tad-*data* dwar l-eżawriment tal-opportunitajiet tas-sajd. Għalhekk, jeħtieġ jiġu speċifikati l-kodiċijiet li l-Istati Membri jridu jużaw meta jibagħtu d-*data* lill-Kummissjoni dwar il-ħatt l-art tal-istokkijiet li għalihom japplika dan ir-Regolament.

(15) Biex jiġi evitat li jiġu interrotti l-attivitajiet tas-sajd u biex jiġi żgurat l-għajxien tas-sajjieda tal-Unjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2020. Minħabba l-urġenza, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ minnufih wara li jiġi ppubblikat.

(16) Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd jintużaw b'mod li jkun għalkollox konformi mal-liġi tal-Unjoni,

---

[10] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kondizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tat-TAC u l-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3).

[11] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

# TITOLU I
# DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*
**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2020 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut.

*Artikolu 2*
**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu għall-istokkijiet tal-ħut li ġejjin:

(a) is-sallur (*Anguilla anguilla L.*) fil-Mediterran, kif iddefinit fl-Artikolu 4(b);

(b) il-gambli l-blu u l-ħomor (*Aristeus antennatus*), il-gambli l-bojod (*Parapenaeus longirostris*), il-gambli l-ħomor il-kbar (*Aristaeomorpha foliacea*), il-merluzz (*Merluccius merluccius*), l-iskampu (*Nephrops norvegicus*) u t-trilja tal-ħama (*Mullus barbatus*) fil-Punent tal-Mediterran, kif iddefinit fl-Artikolu 4(c);

(c) l-inċova (*Engraulis encrasicolus*) u s-sardin (*Sardina pilchardus*) fil-Baħar Adrijatiku, kif iddefinit fl-Artikolu 4(d);

(d) il-merluzz (*Merluccius merluccius*), l-iskampu (*Nephrops norvegicus*), il-lingwata komuni (*Solea solea*), il-gambli l-bojod (*Parapenaeus longirostris*) u t-trilja tal-ħama (*Mullus barbatus*) fil-Baħar Adrijatiku, kif iddefinit fl-Artikolu 4(d);

(e) il-laċċ ikħal (*Sprattus sprattus*) u l-barbun imperjali (*Psetta maxima*) fil-Baħar l-Iswed, kif iddefinit fl-Artikolu 4(e).

2. Dan ir-Regolament għandu japplika wkoll għas-sajd rikreattiv meta dan jissemma b'mod ċar fid-dispożizzjonijiet rilevanti.

*Artikolu 3*
**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Barra minn hekk, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "ilmijiet internazzjonali" tfisser ilmijiet li ma jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġuriżdizzjoni tal-ebda Stat;

(b) "sajd rikreattiv" tfisser attivitajiet tas-sajd mhux kummerċjali li jisfruttaw ir-riżorsi akkwatiċi ħajjin tal-baħar għar-rikreazzjoni, għat-turiżmu jew għall-isport;

(c) "qabda totali permissibbli" (TAC) tfisser:

(i) (i) fil-każ tal-attivitajiet tas-sajd li għalihom tapplika l-eżenzjoni mill-obbligu ta' ħatt l-art imsemmija fl-Artikolu 15(4) sa (7) tar-Regolament

(UE) Nru 1380/2013, l-ammont ta' ħut li jista' jinħatt l-art minn kull stokk kull sena;

(ii) (ii) fil-każ tal-attivitajiet l-oħrajn kollha tas-sajd, l-ammont ta' ħut li jista' jinqabad minn kull stokk fuq perjodu ta' sena;

(d) "kwota" tfisser proporzjon mit-TAC allokata lill-Unjoni jew lil Stat Membru;

(e) "kwota awtonoma tal-Unjoni" tfisser limitu tal-qbid allokat b'mod awtonomu lill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni meta ma jkunx hemm qbil dwar TAC;

(f) "kwota analitika" tfisser kwota awtonoma tal-Unjoni li għaliha tkun disponibbli valutazzjoni analitika;

(g) "valutazzjoni analitika" tfisser evalwazzjoni kwantitattiva tax-xejriet fi stokk partikulari, imsejsa fuq *data* dwar il-bijoloġija u l-isfruttament tal-istokk, li l-analiżi xjentifika tkun indikat li hija ta' kwalità tajba biżżejjed biex abbażi tagħha jingħataw pariri xjentifiċi dwar l-għażliet għall-qbid fil-ġejjieni.

*Artikolu 4*

**Żoni tas-sajd**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet taż-żoni li ġejjin:

(a) "is-subżoni ġeografiċi tal-GFCM (il-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran)" tfisser iż-żoni ddefiniti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12];

(b) "il-Mediterran" tfisser l-ilmijiet tas-subżoni ġeografiċi 1 sa 27 tal-GFCM, kif iddefiniti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;

(c) "il-Punent tal-Mediterran" tfisser l-ilmijiet tas-subżoni ġeografiċi 1, 2, 5, 6, 7, 8, 9, 10 u 11 tal-GFCM, kif iddefiniti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;

(d) "il-Baħar Adrijatiku" tfisser l-ilmijiet tas-subżoni ġeografiċi 17 u 18 tal-GFCM, kif iddefiniti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;

(e) "il-Baħar l-Iswed" tfisser l-ilmijiet tas-subżona ġeografika 29 tal-GFCM, kif iddefinita fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011.

[12] Ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran (ĠU L 347, 30.12.2011, p. 44).

# TITOLU II

# OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD

## KAPITOLU I

## Il-Mediterran

*Artikolu 5*
**Sallur**

1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw għall-attivitajiet kollha tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għall-attivitajiet l-oħrajn tas-sajd tal-Unjoni għall-qbid tas-sallur (*Anguilla anguilla L.*), jiġifieri s-sajd immirat, inċidentali u rikreattiv.

2. Dan l-Artikolu għandu japplika għall-Mediterran u għall-ilmijiet salmastri bħall-estwarji, il-laguni kostali u l-ilmijiet tranżizzjonali.

3. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom ikunu pprojbiti milli jistadu għas-sallur fl-ilmijiet tal-Unjoni u fl-ilmijiet internazzjonali tal-Mediterran għal perjodu ta' tliet xhur konsekuttivi li kull Stat Membru jrid jistabbilixxi. Il-perjodu tal-għeluq tas-sajd għandu jkun konsistenti mal-objettivi ta' konservazzjoni stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1100/2007[13], mal-pjanijiet nazzjonali ta' ġestjoni li jkunu fis-seħħ u max-xejriet temporali tal-migrazzjoni tas-sallur fl-Istati Membri kkonċernati. L-Istati Membri għandhom javżaw lill-Kummissjoni bil-perjodu stabbilit sa mhux aktar tard minn xahar qabel ma jidħol fis-seħħ l-għeluq tas-sajd u, fi kwalunkwe każ, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2020.

## KAPITOLU II

## Il-Punent tal-Mediterran

*Artikolu 6*
**Stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ**

1. L-Anness I ta' dan ir-Regolament jistabbilixxi l-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-2020 għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran.

2. L-Istati Membri għandhom jimmaniġġjaw l-isforz tas-sajd massimu permissibbli skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2019/1022.

[13] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007 tat-18 ta' Settembru 2007 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokk tas-sallura Ewropea (ĠU L 248, 22.9.2007, p. 17).

*Artikolu 7*
**Trażmissjoni tad-*data***

L-Istati Membri għandhom jirreġistraw id-*data* dwar l-isforz tas-sajd u jibagħtuha lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2019/1022.

Huma u jibagħtu d-*data* dwar l-isforz tas-sajd lill-Kummissjoni skont dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-gruppi tal-isforz tas-sajd stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

# KAPITOLU III

## Il-Baħar Adrijatiku

*Artikolu 8*
**Stokkijiet pelaġiċi żgħar**

1. L-ammont ta' sardin (*Sardina pilchardus*) u ta' inċova (*Engraulis encrasicolus*) li jaqbdu l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fil-Baħar Adrijatiku ma għandux jaqbeż il-livelli stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.
2. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jkunu qed jistadu għas-sardin u għall-inċova fil-Baħar Adrijatiku ma għandhomx jaqbżu l-180 jum ta' sajd fis-sena. Minn dawk il-180 jum tas-sajd, għadd massimu ta' 144 jum tas-sajd għandu jiġi allokat għas-sajd għas-sardin u għadd massimu ta' 144 jum tas-sajd għandu jiġi allokat għas-sajd għall-inċova.

*Artikolu 9*
**Stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ**

1. L-Anness II jistabbilixxi l-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-2020 għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Baħar Adrijatiku.
2. L-Istati Membri għandhom jimmaniġġjaw l-isforz massimu permissibbli skont l-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009.

*Artikolu 10*
**Trażmissjoni tad-*data***

Meta l-Istati Membri jibagħtu lill-Kummissjoni d-*data* marbuta mal-ħatt l-art tal-kwantitajiet tal-istokkijiet li jkunu qabdu skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, huma għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

# KAPITOLU IV

# Il-Baħar l-Iswed

*Artikolu 11*

**Allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd għal-laċċ ikħal**

L-Anness III ta' dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kwota awtonoma tal-Unjoni għal-laċċ ikħal (*Sprattus sprattus*), l-allokazzjoni tat-tali kwota fost l-Istati Membri u l-kundizzjonijiet marbutin magħhom mil-lat funzjonali, meta dan ikun xieraq.

*Artikolu 12*

**Allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd għall-barbun imperjali**

L-Anness III ta' dan ir-Regolament jistabbilixxi t-TAC għall-barbun imperjali (*Psetta maxima*) applikabbli għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet tal-Unjoni li jinsabu fil-Baħar l-Iswed u l-allokazzjoni tat-tali TAC fost l-Istati Membri, kif ukoll il-kundizzjonijiet marbutin magħhom mil-lat funzjonali, meta dan ikun xieraq.

*Artikolu 13*

**Ġestjoni tal-isforz tas-sajd għall-barbun imperjali**

Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu għall-barbun imperjali fl-ilmijiet tal-Unjoni li jinsabu fil-Baħar l-Iswed ma għandhomx jaqbżu l-180 jum ta' sajd fis-sena, irrispettivament mit-tul totali tagħhom.

*Artikolu 14*

**Perjodu ta' għeluq tas-sajd għall-barbun imperjali**

Mill-15 ta' April sal-15 ta' Ġunju, il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom ikunu pprojbiti milli jwettqu kull attività tas-sajd, inkluż it-trażbord, iż-żamma abbord u l-ħatt l-art tal-barbun imperjali, fl-ilmijiet tal-Unjoni li jinsabu fil-Baħar l-Iswed.

*Artikolu 15*

**Dispożizzjonijiet speċjali dwar l-allokazzjonijiet tal-opportunitajiet tas-sajd fil-Baħar l-Iswed**

L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri kif stabbilit fl-Artikoli 11 u 12 ta' dan ir-Regolament għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-affarijiet li ġejjin:

(a) għall-iskambji li jsiru skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(b) għat-tnaqqis u għar-riallokazzjonijiet li jsiru skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009[14];

(c) għat-tnaqqis li jsir skont l-Artikoli 105 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

*Artikolu 16*

**Trażmissjoni tad-*data***

Meta l-Istati Membri jibagħtu lill-Kummissjoni d-*data* marbuta mal-ħatt l-art tal-kwantitajiet tal-istokkijiet tal-laċċ ikħal u tal-barbun imperjali li jkunu qabdu fl-ilmijiet tal-Unjoni li jinsabu fil-Baħar l-Iswed skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, huma għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet stabbiliti fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

# TITOLU III

# DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 17*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

[14] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).